

**Brussell, 23 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

10688/25

**MOG 59
SY 6
CFSP/PESC 952
COPS 315**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja, approvati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja

1. Il-waqgħa tar-reġim kriminali ta' Assad hija mument storiku għall-poplu Sirjan, li sofra tbatija enormi u wera reżiljenza notevoli fit-tfittxija tiegħu għad-dinjità, il-libertà, id-demokrazija u l-ġustizzja matul dawn l-aħħar erbatax-il sena. Is-Sirjani kollha għandu jkollhom l-opportunità li finalment jergħu jingħaqdu, jistabbilizzaw u jibnu lil pajjiżhom mill-ġdid, jergħu jistabbilixxu l-ġustizzja u jiżguraw ir-responsabbiltà, u jibdew paġna ġdida fl-istorja tas-Sirja. F'dan il-perjodu kritiku, l-Unjoni Ewropea tkompli tieqaf mal-poplu Sirjan u hija impenjata li tappoġġa tranżizzjoni paċifika u inklużiva, immexxija mis-Sirjani u li tappartjeni lis-Sirjani biex tgħin fil-bini ta' futur aħjar għas-Sirjani kollha.

2. L-Unjoni Ewropea tilqa' l-impenn tal-President Interim Ahmed Al-Sharaa u l-gvern tranżitorju li jibnu Sirja ġdida bbażata fuq ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, l-istat tad-dritt, is-separazzjoni tas-setgħat, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għas-Sirjani kollha mingħajr distinzjoni, filwaqt li id-diversità tal-pajjiż tkun issalvagwardjata b'mod sħiħ. Nieħdu nota pożittiva wkoll tal-passi inizjali li ttieħdu matul l-aħħar xhur biex titwitta t-triq għal tranżizzjoni paċifika u inklużiva, inkluż l-organizzazzjoni tal-ewwel Konferenza ta' Djalogu Nazzjonali, l-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni Kostituzzjonali, u l-ħatra ta' gvern tranżizzjonali. L-UE tappella biex dawn il-passi u l-impenji inizjali, kif ukoll il-prinċipji ewlenin minquxa fid-Dikjarazzjoni Kostituzzjonali, jiġu implimentati u jiddaħħlu fis-seħħ bis-sħiħ, biex id-Djalogu Nazzjonali jkompli, għall-formazzjoni rapida tal-Assemblea tal-Poplu u l-abbozzar ta' Kostituzzjoni permanenti li twieġeb kemm għall-aspirazzjonijiet tas-Sirjani kollha, kif ukoll biex isiru elezzjonijiet ġenwini fi żmien tliet sa ħames snin kif previst f'konformità mal-istandards internazzjonali, li jippermettu l-parteċipazzjoni politika sħiħa tas-Sirjani kollha. L-UE tappella wkoll lill-gvern tranżizzjonali biex jaħdem għall-istabbiliment ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji b'saħħithom u indipendenti. L-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-gvern tranżizzjonali f'dawn l-isforzi.

3. Id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jridu jiġu rispettati, protetti u ssodisfati għal kulħadd fis-Sirja, mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni. In-nisa għandhom rwol fundamentali x'jaqdu fis-Sirja l-ġdida, u l-UE tkompli tappella lill-awtoritajiet biex jiżguraw il-partekipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tagħhom fl-isferi kollha tal-ħajja politika u tas-soċjetà.

4. L-UE tkompli tappella għat-tmiem immedjat tal-vjolenza fis-Sirja kollha. L-UE nħasdet serjament bil-vjolenza mifruxa fir-reġjun kostali tas-Sirja u f'żoni oħra madwar Damasku fir-rebbiegħa tal-2025. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki min-naħat kollha kif ukoll id-delitti orribbli mwettqa kontra ċ-ċivili. L-UE tappella lill-awtoritajiet ta' tranżizzjoni biex iżommu l-ordni, jiżguraw il-kontroll fuq il-gruppi armati, jipproteġu lis-Sirjani kollha, irrISPettivament mill-isfond etniku jew reliġjuż tagħhom, u jżommu lill-awturi tar-reati kollha responsabbli, f'konformità mad-dritt, in-normi u l-istandards internazzjonali. L-UE tilqa' r-rispons mill-awtoritajiet ta' tranżizzjoni, u b'mod partikolari l-istabbiliment ta' kumitat investigattiv, u tappella għal investigazzjoni rapida, trasparenti, kredibbli u imparzjali, kif ukoll għal proċess ta' segwitu trasparenti u ċċentrat fuq il-vittmi. Il-mekkaniżmi rilevanti tan-NU għandhom jitħallew jinvestigaw ukoll dawn ir-reati. L-UE tikkundanna kull forma ta' interferenza barranija dannuża maħsuba biex twaqqaf ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali.

5. Is-soċjetà ċivili Sirjana, il-media ħielsa u indipendenti, u l-komunità tad-dijaspora Sirjana għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex jiżguraw is-suċċess tat-tranżizzjoni tas-Sirja fil-bini ta' soċjetà paċifika, ġusta, inklużiva u pluralistika. L-UE tappella lill-gvern tranżizzjonali biex jipproteġi l-ispazju ċiviku billi jiżgura ambjent sikur u abilitanti għas-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali u l-media indipendenti, ħieles minn theddid, intimidazzjoni u ostakli amministrattivi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżommu l-impenn fit-tul tagħhom mas-soċjetà ċivili Sirjana u ser ikomplu jappoġġawha.

6. It-tranżizzjoni u r-rikostruzzjoni tas-Sirja ser jeħtieġu sforzi sostnuti fit-tul. L-UE qed timpenja ruħha mal-gvern tranżizzjonali u taħdem mill-qrib mas-sħab reġjonali u internazzjonali għal dak l-għan, u tappella lill-komunità internazzjonali biex tintensifika l-appoġġ tagħha, kemm politiku kif ukoll finanzjarju, filwaqt li tibni fuq il-prinċipji stabbiliti f'Aqaba (14 ta' Diċembru 2024), Riyadh (12 ta' Jannar 2025), Pariġi (13 ta' Frar 2025), u Brussell (17 ta' Marzu 2025) kif ukoll il-wegħdiet imħabbra fil-Konferenza ta' Brussell IX. Il-komunità internazzjonali, inkluż is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji differenti tagħha kif ukoll l-inizjattivi ta' koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE, tista' tagħti kontribut sinifikanti għall-appoġġ tat-tranżizzjoni politika tas-Sirja, il-ġustizzja tranżizzjonali, ir-rikonċiljazzjoni, l-irkupru soċjoekonomiku u r-rikostruzzjoni, abbażi tal-ispirtu tal-prinċipji ewlenin tal-UNSCR 2254. L-UE tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għas-Sirja u t-tim tan-NU fis-Sirja f'dan ir-rigward. Il-forniment ta' servizzi bażiċi kif ukoll opportunitajiet ta' għajxien għall-popolazzjoni Sirjana huma prekundizzjoni għal Sirja stabbli u paċifika. L-UE tappella lill-komunità internazzjonali biex tiffaċilita l-irkupru ekonomiku tas-Sirja u biex taħdem fuq l-integrazzjoni mill-ġdid tagħha fis-sistema finanzjarja internazzjonali.

7. L-UE tappella lill-atturi kollha fis-Sirja biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tkompli tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi Sirjani u internazzjonali għar-responsabbiltà għall-atroċitajiet kollha, imwettqa prinċipalment mir-reġim ta' Assad u minn partijiet oħra, bħad-Daesh u gruppi terroristiċi jew armati oħra, matul jew wara r-reġim ta' Assad. Proċess ta' ġustizzja tranżizzjonali komprensiv u inklużiv, immexxi mis-Sirjani u li jappartjeni lis-Sirjani, huwa neċessità għar-rikonċiljazzjoni u l-paċi dejjiema. Dawk kollha responsabbli għal ksur serju tad-dritt internazzjonali umanitarju, kriminali u dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jinżammu responsabbli u jitressqu quddiem il-ġustizzja, inkluż fejn meħtieġ bl-appoġġ ta' stati terzi u organizzazzjonijiet intergovernattivi. Huwa wkoll fundamentali li l-gvern tranżizzjonali jaħdem flimkien ma' partijiet ikkonċernati Sirjani u internazzjonali oħra biex jikxef id-destin tal-150,000 persuna kollha li huma stmati li għebu, mingħajr diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-istabiliment tal-Awtorità Nazzjonali għall-Ġustizzja tranżizzjonali u tal-Awtorità Nazzjonali għal Persuni Neqsin bħala pass importanti lejn ġustizzja u verità komprensivi, li l-poplu Sirjan jistħoqqlu u jinsab lest li jappoġġahom. L-UE tirrikonoxxi l-kontribut essenzjali tal-atturi tas-soċjetà ċivili, inkluż l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u l-membri tal-familja. L-UE ser tkompli wkoll tappoġġa b'mod sod il-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzzjali u Indipendenti, il-Kummissjoni ta' Inkjesta, u l-Istituzzjoni Indipendenti dwar Persuni Neqsin fir-Repubblika Għarbija Sirjana. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni inizjali tal-gvern tranżizzjonali ma' dawn l-atturi, kif ukoll mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) u organizzazzjonijiet rilevanti oħra bħall-ICRC, u tappella biex jingħataw aċċess sħiħ fis-Sirja kollha biex iwettqu l-mandati tagħhom. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni u rikonċiljazzjoni fil-livell lokali u nazzjonali. L-UE tinkoraġġixxi l-adeżjoni universali mal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u tistieden lir-Repubblika Għarbija Sirjana tikkunsidra li taċċetta l-ġurisdizzjoni tagħha.

8. Id-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni (DDR) tal-gruppi armati kollha f'forzi tas-sigurtà nazzjonali unifikati huma prerekwiżit għas-sigurtà interna u l-istabbiltà politika skont l-istat tad-dritt. Dawn l-isforzi għandhom jiżguraw li l-elementi terroristiċi u estremisti vjolenti kollha jiġu esklużi. Dan il-proċess ta' DDR għandu jkun parti minn sforz usa' u robust tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), li jiżgura settur tas-sigurtà li jkun responsabbli, trasparenti, professjonali u li jopera f'konformità mad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE tirrikonoxxi l-isforzi inizjali li saru mill-awtoritajiet ta' tranżizzjoni u tilqa' l-ftehim li ntlaħaq fl-10 ta' Marzu 2025 bejnhom u l-Forzi Demokratiċi Sirjani (FSD), kif ukoll sforzi simili fil-pajjiż kollu. L-UE issa tappella lill-partijiet biex jaħdmu fuq implimentazzjoni rapida, komprensiva u paċifika tal-ftehim. L-UE tinsab lesta li tappoġġa, flimkien ma' sħab oħra, il-proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà.

9. L-UE tfaħħar id-dikjarazzjonijiet tal-gvern tranżizzjonali li fihom iwiegħed li ser jiżviluppa relazzjonijiet paċifiċi mal-pajjiżi kollha u li ser jirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, inkluż l-UNCLOS. L-UE hija lesta li tinvolvi ruħha mal-gvern tranżizzjonali f'fora reġjonali u multilaterali, inkluż li tippromwovi multilateraliżmu effettiv u ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-UE tappella lis-Sirja, kif ukoll lill-istati kollha, biex jesprimu l-pożizzjoni tagħhom kontra l-aggressjoni militari u l-annessjoni territorjali f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-NU. L-UE tfakkar fl-importanza ta' voti pożittivi fl-Assemblea Ġenerali tan-NU li jikkundannaw l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u fit-tfittxija li tintlaħaq paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna. Barra minn hekk, l-UE tikkundanna d-deċiżjonijiet tar-reġim ta' Assad li bihom irrikonoxxa l-vjolazzjoni tas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u l-Georgia u tappella lill-awtoritajiet tranżizzjonali biex jirrevokaw dawn id-deċiżjonijiet abbażi tar-rispett tas-sovranià u l-integrità territorjali tal-istati kollha. L-UE ttenni li, f'konformità mad-dritt internazzjonali u mar-risoluzzjonijiet 242 u 497 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-UE ma tagħrafx is-sovranià ta' Iżrael fuq l-Għoljiet tal-Golan okkupati.

10. L-UE tħeġġeġ lill-atturi esterni kollha mingħajr eċċezzjoni biex jirrispettaw bis-sħiħ l-unità, l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tas-Sirja. L-UE tikkundanna kwalunkwe azzjoni u preżenza militari barranija unilaterali kif ukoll tentattivi biex jiġu mhedda l-istabbiltà u l-prospetti tas-Sirja għal tranżizzjoni paċifika, inkluż permezz ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin. F'dan ir-rigward, l-UE tibqa' mħassba serjament bl-azzjonijiet tar-Russja u l-Iran, il-kompliċi ewlenin tar-repressjoni brutali tar-reġim ta' Assad kontra l-poplu tiegħu, bl-għan li għal darba oħra jinstigaw il-vjolenza u jiddestabilizzaw is-Sirja. Filwaqt li t-tħassib ta' Iżrael dwar is-sigurtà għandu jiġi indirizzat, l-UE hija mħassba ferm dwar l-attakki mill-Forzi tad-Difiża Iżraeljani f'diversi reġjuni, u l-preżenza kontinwa u l-operazzjonijiet militari tagħhom, b'mod partikolari fin-Nofsinhar tas-Sirja. L-UE tappella lil Iżrael jirrispetta ż-żona ta' sigurtà demilitarizzata u jirrispetta t-termini tal-Ftehim dwar id-Diżimpenn tal-Forzi tal-1974. L-UE għadha mħassba dwar l-involvement ta' gruppi armati appoġġati mit-Turkija fit-Tramuntana tal-pajjiż. It-tħassib tat-Turkija dwar is-sigurtà għandu jiġi indirizzat filwaqt li jiġi żgurat li s-Sirjani kollha - inkluż il-Kurdi - jkunu jistgħu jgawdu s-sigurtà u d-drittijiet fundamentali.

11. Il-ġlieda kontra d-Daesh u gruppi terroristiċi oħrajn, li għadhom ta' theddida għas-Sirja, għar-reġjun, għall-Ewropa u għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, tibqa' prijorità f'kuntest politiku u ta' sigurtà li qed jevolvi b'mod rapidu. L-UE tappella lill-gvern ta' tranżizzjoni biex ikompli l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, b'mod partikolari l-affiljati ta' Daesh u Al-Qaeda, inkluż billi jinvolvi ruħu mal-Koalizzjoni Globali kontra d-Daesh. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod deċiżiv it-theddida ppreżentata mill-ġellieda terroristi barranin kollha fis-Sirja. L-UE kienet sieħeb impenjat għall-Koalizzjoni Globali kontra d-Daesh u, bħala mexxej konġunta tal-Grupp Fokali Ewlieni tagħha, ser ikollha rwol aktar attiv biex tiżgura l-għelba dejjiema tat-terroriżmu u biex tipprevjeni l-qawmien mill-ġdid ta' gruppi terroristiċi. Il-ħtieġa li jinżamm l-operat sigur tal-faċilitajiet li jżommu affiljati ma' Daesh u l-familji tagħhom fil-Grigal tas-Sirja hija kwistjoni ta' sigurtà reġjonali u globali li teħtieġ sforzi kollettivi. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija impenjata li żżid l-appoġġ tagħha għall-operazzjonijiet siguri tal-kampijiet u l-faċilitajiet ta' detenzjoni fil-Grigal tas-Sirja u tappella lis-sħab internazzjonali biex jibqgħu impenjati, iżidu l-finanzjament tagħhom u jaħdmu għal soluzzjonijiet sostenibbli. L-UE tħeġġeġ lill-Koalizzjoni Globali kontra d-Daesh, is-sħab internazzjonali u l-gvern tranżizzjonali biex jaħdmu għad-deradikalizzazzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-reintegrazzjoni taċ-ċittadini Sirjani li bħalissa jinsabu fil-kampijiet al-Hol u al-Roj, u jappoġġaw il-prosekuzzjoni ta' persuni suspettati li wettqu jew iffaċilitaw atti ta' terroriżmu.

12. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni tal-gvern tranżizzjonali mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) u tappella lill-gvern tranżizzjonali biex jiżgura implimentazzjoni rapida tal-passi li jmiss biex il-programm ta' armi kimiċi tas-Sirja jiġi eliminat għalkollox u biex jiġu miġġielda r-riskji ta' proliferazzjoni. L-UE ser tkompli tappoġġa b'mod attiv l-attivitajiet tal-OPCW inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju, bil-ħsieb li tinvestiga, tiżgura u teqred b'mod sħiħ l-armi kimiċi kollha fis-Sirja, inkluż il-faċilitajiet ta' produzzjoni, u thegġegħ lil oħrajn biex jagħmlu l-istess. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni tal-gvern tranżizzjonali mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u tappella lill-gvern tranżizzjonali jimpenja ruħu mal-IAEA, filwaqt li jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari fis-Sirja u jipprovdi kjarifika tal-kwistjonijiet pendenti relatati ma' attivitajiet tal-passat. L-UE tinkoraġġixxi lis-Sirja tikkonkludi u ddaħħal fis-seħħ Protokoll Addizzjonali mingħajr aktar dewmien. L-UE ser tkompli tappoġġa b'mod attiv l-attivitajiet tal-IAEA, kif ukoll l-imparzjalità u l-indipendenza tagħha.

13. Il-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar tan-narkotiċi, bħal Captagon, u n-netwerks tal-kriminalità organizzata relatati hija essenzjali. Aħna nilqgħu l-azzjonijiet tal-gvern tranżizzjonali, b'mod partikolari l-qerda ta' diversi faċilitajiet ta' produzzjoni tad-droga, u nhegġgħu jiżviluppa strateġija sostenibbli għall-prevenzjoni tat-tkomplija tal-produzzjoni ta' Captagon, f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u s-sħab Ewropej u reġjonali.

14. L-UE tinsab allarmata bis-sitwazzjoni umanitarja katastrofika kontinwa fis-Sirja, b'90 fil-mija tas-Sirjani jgħixu taħt il-linja tal-faqar, 16.5 miljun Sirjan jiddependu fuq l-ghajjnuna umanitarja, aktar minn 7.2 miljun persuna spostati internament, inkluż aktar minn 2 miljun f'kampijiet b'aċċess skars għas-servizzi bażiċi bħall-ikel u l-ilma, u aktar minn 5 miljun refuġjat prinċipalment ospitati f'pajjiżi ġirien kif ukoll fl-UE. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel qed tkompli tiddeterjora, is-sistema tal-kura tas-saħħa kkollassat, l-aċċess għas-servizzi bażiċi għadu estremament limitat, inkluż minħabba ostilitajiet kontinwi b'attakki fuq l-infrastruttura kritika. Il-pajjiż huwa miżgħud b'mezzi splussivi attivi u mini tal-art, li jfikklu r-ritorn u r-rikostruzzjoni sikuri u jpoġġu l-ħajjiet tal-popolazzjoni ċivili, inkluż gruppi vulnerabbli, nisa u tfal, fil-periklu. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li jiġi rispettata id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, li jiġi ggarantit aċċess umanitarju bla xkiel u sostnut u li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, tal-ħaddiema umanitarji, u tal-infrastruttura ċivili f'kull ħin. L-UE ser tkompli taqdi rwol ewlieni fil-finanzjament umanitarju, billi ssegwi approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet f'konformità mal-prinċipji umanitarji, fis-Sirja kollha, filwaqt li tikkomplementa r-rispons ta' emerġenza tagħha b'assistenza għall-irkupru bikri. L-ghajjnuna umanitarja għandha tiġi kkomplementata minn investimenti fit-tul u ta' żvilupp kif ukoll rikostruzzjoni, li jipprevedu rkupru u stabbilizzazzjoni aktar sostenibbli tal-pajjiż, kif ukoll reżiljenza aktar b'saħħitha tal-poplu Sirjan permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-popolazzjonijiet u l-awtoritajiet lokali. L-UE hija partikolarment allarmata bl-istatus tal-infrastruttura kritika fis-Sirja kollha, speċifikament fir-rigward tas-setturi tas-saħħa, tal-ilma u tal-elettriku. Sa mill-bidu tal-kriżi fl-2011, l-UE wieġbet għall-bżonnijiet vitali l-aktar urġenti u t-ħassib ta' dawk l-aktar vulnerabbli fir-rigward tal-protezzjoni. Meta s-Sirja ġiet affettwata mit-terremot fl-2023, l-UE attivat il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) u l-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew (EHRC), flimkien mal-ghajjnuna umanitarja.

15. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, konsistentement kienet fuq quddiem fl-għoti ta' assistenza lis-Sirjani u tibqa' soda fl-impenn tagħha li tappoġġa lill-poplu Sirjan. Matul dawn l-aħħar erbatax-il sena, l-UE u l-Istati Membri tagħha mmobilizzaw kważi EUR 37 biljun f'assistenza umanitarja, għall-iżvilupp, ekonomika u ta' stabbilizzazzjoni, filwaqt li appoġġaw lis-Sirjani kemm fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun kollu. L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa lis-Sirja fi triqitha lejn l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni, fil-prijoritajiet kollha bħall-bini tal-istituzzjonijiet u r-riforma pubblika, l-irkupru soċjoekonomiku (l-ġhajxien u l-impjiegi, l-appoġġ għal setturi ewlenin bħall-agrikoltura, il-forniment ta' servizzi bażiċi bħall-ilma, d-drenaġġ, is-saħħa u l-elettriku), il-koeżjoni soċjali, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja tranżizzjonali u l-ħarsien tal-wirt kulturali għani tal-pajjiż. L-UE tenfasizza l-importanza li tingħata s-setgħa liż-żgħażaġħ, speċjalment lin-nisa u l-bniet, billi jingħataw opportunitajiet għall-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-parteciċipazzjoni attiva fil-ħajja pubblika u l-isforzi ta' rkupru soċjoekonomiku. L-appoġġ tal-UE għall-irkupru soċjoekonomiku u r-rikostruzzjoni ser ikun proporzjonat mal-iżviluppi fil-pajjiż u mal-azzjonijiet tal-gvern tranżizzjonali. L-UE thegġegħ lill-komunità internazzjonali biex iżżid l-assistenza tagħha. Filwaqt li tibni fuq id-Disa' Konferenza ta' Brussell tas-17 ta' Marzu 2025, li fiha l-UE u l-komunità internazzjonali ġabru ammont totali ta' EUR 5.8 biljun f'wegħdiet għas-sentejn li ġejjin, inkluż EUR 3.37 biljun mill-UE u l-Istati Membri tagħha, l-UE biħsiebha tkompli tikkoordina ma' kontributuri ewlenin dwar ir-rikostruzzjoni tas-Sirja, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u sħab reġjonali, biex tiżgura l-komplementarjetà tal-isforzi internazzjonali. L-UE tappoġġa l-isforzi li qed jagħmlu l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex jivvalutaw il-ħtiġijiet tas-Sirja u l-kooperazzjoni mġedda tagħhom mal-gvern tranżizzjonali. Il-Kunsill jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jissokta l-attività tiegħu fis-Sirja bil-ħsieb li jappoġġa dawn l-isforzi.

16. F'Mejju l-UE neħħiet is-sanzjonijiet ekonomiċi kollha tagħha li kien għad fadal kontra s-Sirja bl-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni politika inklużiva tas-Sirja, kif ukoll l-irkupru ekonomiku rapidu, ir-rikostruzzjoni u l-istabbilizzazzjoni tagħha, f'konformità ma' approċċ gradwali u reversibbli. L-UE qed iżżomm fis-seħħ sanzjonijiet relatati mar-reġim ta' Al-Assad f'konformità mas-sejħa tagħha għall-irfigħ tar-responsabbiltà kif ukoll sanzjonijiet abbażi ta' raġunijiet ta' sigurtà. B'mod parallel, hija introduċiet aktar sanzjonijiet kontra dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u dawk li jinstigaw l-instabbiltà fis-Sirja. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi tal-UE mill-20 ta' Mejju 2025.

17. Il-waqgħa tar-reġim ta' Assad ħolqot tama enormi ta' ripatrijazzjoni fost miljuni ta' refuġjati Sirjani, inkluż fl-Istati Membri tal-UE, u fost persuni spostati internament. L-UE tieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-gvern tranżizzjonali li jirreferu għar-ritorn tar-refuġjati Sirjani f'kundizzjonijiet adatti bħala objettiv ewlieni. L-UE tieħu nota wkoll tad-dikjarazzjonijiet mill-UNHCR li l-kundizzjonijiet fis-Sirja attwalment ma jippermettux ripatrijazzjonijiet volontarji fuq skala kbira lejn is-Sirja, minħabba s-sitwazzjoni umanitarja, ekonomika u ta' sigurtà. Sadanittant, l-UE hija impenjata li tgħin biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal ritorni sikuri, dinjitużi, volontarji u sostenibbli lejn is-Sirja u tinsab lesta li tappoġġa lil dawk li volontarjament jixtiequ jirritornaw. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ispazju tal-ażil għar-refuġjati jinżamm u li l-prinċipju ta' *non-refoulement* jiġi rispettatt. L-UE tibqa' impenjata li ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-protezzjoni, is-segwitu, l-appoġġ u s-servizzi għal persuni spostati jew persuni ripatrijati ġodda fis-Sirja - b'mod partikolari mal-UNHCR. L-UE tfaħħar l-isforzi tal-pajjiżi ġirien li ospitaw refuġjati Sirjani għal aktar minn għaxar snin ta' kunflitt, u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li żżomm l-appoġġ tagħha għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri tal-UE jistgħu wkoll ikomplu jivvalutaw il-possibbiltà li jippermettu żjarat ta' osservazzjoni li matulhom il-protezzjoni internazzjonali ma tiġix revokata.

18. L-UE ser tiżgura preżenza diplomatika permanenti u aktar b'saħħitha f'Damasku malajr kemm jista' jkun permezz tar-riattivazzjoni sħiħa tad-Delegazzjoni tal-UE.